## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 204/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Aiman S. Farag El-Lawati**

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Aiman S. Farag El-Lawati, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 48508A quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Mejju 2014 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer;

1. Ikommetta serq sempliċi (mobile) għad-dannu ta' Joelyne Balzan;

2. Xjentement laqa' għandu jew xtara oġġetti misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-għamla 'Iphone 4' b'valur ta' €600;

3. Meta sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet xi ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien sar jaf.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-14 t' April, 2016 li biha sabet lill-imputat **mhux ħati** tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minnhom tilliberaħ skond il-liġi, sabitu **ħati** tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu għall-piena tal-multa fis-somma ta' €120;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Aiman S. Farag El-Lawati, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 t' April, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tvarja** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-appellant minn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u **tikkanċellaha** f'dik il-parti li sabet ħtija fit-tielet imputazzjoni u tilliberaħ minnha skond il-liġi.;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li fid-data in kwistjoni huwa lanqas kien jaf bil-mobile u allura ma setax jirrapporta l-istess mobile lill-pulizija fix-xahar ta' Marzu 2014. Fil-fatt huwa kien għamel użu mill-mobile f'Mejju 2014. L-

appellant lanqas kien jaf li l-mobile kien misruq u għalhekk ma kellux obbligu li jirraporta lill-Pulizija. Huwa fuq kollox legalment impossibbli li l-appellant instab ħati tat-tielet imputazzjoni la l-Qorti ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni, jiġifieri dik tar-riċettazzjoni.

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti. Joelanna Balzan kienet irrapurtat il-*mobile phone* taghha misruq fix-xahar ta' Marzu 2014. Il-Pulizija kienu sabulha l-portmoni u l-ID Card izda mhux il-mobile u minn stharrig li ghamlu rrizulta li dan it-telefon kien intuza b'sim card li tappartjeni lill-appellant li ghalhekk tressaq biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet rappurtati *supra.*

4. L-appellant xehed illi fl-2014 it-telefon ġie għandu minn għand kuġinuh Karam Abubaker li talbu biex iwasslu lil ommu gewwa l-Libja. Kuġinuh qallu li kien xtara l-mobile mingħand wieħed Rumen u kien talbu jassigurah li kien xtara dan l-iphone ghal ħamsin Ewro għaliex l-iscreen kien imkisser. Ir-raguni ghaliex kien registrat uzu tan- numru tat-telefon tieghu fuq dan it-telefon hi dovuta ghaliex kien silef is-sim card lill-kugin tiegħu li kien għadu ġej mill-Ġermanja u kien tahielu biex jużaha ftit u ma riedx ineffqu għaxar Euros. Oltre dak il-mobile huwa kellu l-mobile tiegħu u mobile tax-xogħol. Dan kollu kien konfermat mill-istess kugin tal-appellant, Ben Arus Karam. Meta xtara t-telefon induna li kien mudell tajjeb izda kien ghogbu l-prezz, rah li kellu l-iscreen miksur u xtrah.

11. Ezaminat l-assjem tal-provi, jemergi illi sia l-appellant kif ukoll il-kuġin tiegħu kienu xettici dwar il-valur baxx ta' dan it-telefon u l-appellant kien mgharraf li dan inxtara mill-idejn u mhux minn hanut b'mod regolari. . Għalhekk l-appellant kien konxju sew li I-phone 4 ma jinxtarax b'dak il-prezz.. L-appellant kien fid-dmir li jindaga sew kif l-Iphone li wasal f'idejh biex jieħdu lil persuna oħra kien inxtara b'dak il-prezz u l-kwistjoni tal-iscreen miksur mhix

raġuni soda jew konvinċenti biżżejjed biex wieħed ikun xtara l-Iphone b'dak il-prezz.

12. L-elementi tal-pussess xjenti ta' oggett provenjenti mis-serq ex artikolu 334A tal-Kodici Kriminali huma diversi minn dawk tar-reat ta' ricettazzjoni fl-artikolu 334. L-ewwel reat isir prosegwibbli meta l-pussessur tal-oggett isir konsapevoli tal-provenjenza illecita u li minn hemm 'l quddiem jonqos milli jirraporta l-fatt lill-Pulizija fi zmien gimgha. L-appellant, xjenti tal-fatt illi l-provenjenza kienet wahda dubjuza, baqa' fil-pussess tal-mobile phone sakemm finalment gie intercettat mill-Pulizija. Liberazzjoni mir-reat ta' ricettazzjoni mhux bil-fors ghandha twassal ghal-liberazzjoni fir-reat taht l-artikolu 334A kif jikkontendi l-appellant. Ghaliex kif spjegat supra, iż-żewġ reati huma differenti. Fl-artikolu 334 ir-reat isehh meta persuna xjentement tilqa' ghandha oggett mehud b'qerq filwaqt illi fl-artikolu 334A ir-reat javvera ruhu appena il-possessur isir jaf bil-provenjenza illecita ta' dak l-oggett. Hija notevoli d-differenza fil-livell ta' xjenza bejn reat u iehor li fil-kaz tal-artikolu 334A hija wahda anqas rigida;

13. Konsiderat dan, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghaliha u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni impellenti ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi id-diskrezzjoni ezercitata li wasslet ghal-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti;

14. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.